MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Avviz Numru. 1562/1999/1

**Joseph Leone Ganado**

**Vs**

**Rawhann Dalli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut ghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess istess attur is-somma ta' elf liri Maltin (Lm1000) bhala hlas ta' danni li l-konvenut ikkaguna fil-vettura tieghu BMW saloon meta nhar is-7 ta' Marzu 1999 f'Hal Far dahal bil-vettura misjuqha mill-konvenut gol-vettura tieghu imsemmija u dan gara b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez.  Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi dak li talab l-attur ghandu jigi michud ghax ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni kien jahti l-istess attur.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.
<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jigi rilevat illi f'dan il-kaz ma giex prodott l-Ufficjal tal-Pulizija li nvestigah izda l-partijiet involuti stess esebew kopja tar-rapport u tal-iskizz illi sar minn dan l-ufficjal (ara fol 3 u fol 31 tal-istess atti). Mill-imsemmi skizz, wiehed jista' jara illi l-attur li kien qed jsuq il-vettura numru AAR 501 u l-konvenut, li kien qed juza dik bin-numru HAB 551 kienu gejjin, u sejrin, mill-, u fl-istess direzzjoni. Dwar l-incident in esami, jidher li l-attur kien stqarr li kien gej minn naha fejn hemm indikat "Malta Win Cargo" u "meta wasalt fil-wesgha. F'daqqa wahda vettura HAB 551 dahlet fuq genb tan-naha tax-xellug" (fol 4 ibid) waqt li <u>l-konvenut</u> da parti tieghu stqarr illi kien gej mill-istess direzzjoni u meta wasal fl-istess post imsemmi "… mort biex indur fuq il-lemin vettura AAR 501 habtet mieghi" (fol 4 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Ili l-attur, meta xehed (fol 20 et seq ibid) qal illi fit-triq in kwistjoni kien hemm hafna traffiku ghaddej u "… fuq il-genb tieghi tax-xellug" kien hemm il-vettura misjuqa mill-konvenut li da parti tieghu "… f'daqqa wahda qabad u dar fid-direzzjoni tieghu. Hu laqatni fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug ukoll". Skond l-attur, il-konvenut kien fuq il-post tal-incident, ammetta li dan l-incident kien tort tieghu izda kien biddel il-versjoni teighu vis-à-vis l-assikurazzjoni tieghu (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Khamisa El Falati</u> a fol 24 ibid u li kienet fl-istess vettura misjuqa mill-attur).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut jsostni fix-xhieda tieghu (fol 29 et seq ibid) illi meta mar sabiex jdur biex johrog mit-triq in kwistjoni hu dar lejn il-lemin wara li kien waqaf peress li hemmhehkk hemm salib it-toroq.

Waqt li kien ghadu wieqaf, hu kien ra l-karozza l-ohra misjuqa mill-atturi u li kienet 'titkaxkar gejja ghal go fiha' … 'angolata min naha tal-lemin tieghi' meta 'Jiena kont di gja ksirt'. Bhala konsegwenza, il-karozza l-ohra habtet go dik misjuqa minnu 'qiesu f'figura ta' 'tee'". Fl-ahhar nett, il-konvenut, fl-istess xhieda, spjega ghaliex ma kienx qed jaqbel mal-imsemmi skizz in rigward il-posizzjoni tal-istess vetturi kif hemm murija. Il-konvenut ipproduca bhala xhud lil Carmelo Pace (fol 36 et seq ibid) li kien passiggier mieghu. Dan ix-xhud spjega illi meta kienu raw illi t-triq kienet maghluqa, il-konvenut waqaf, bl-'indicator' mixghul 'biex induru lejn ix-xellug taghna cioe  konna ser induru lejn il-lemin taghna". Kif kienu ghadhom weqfin, hu sema' hoss ta' 'brake' u giet  karozza ohra '… itkaxkar ghal go fina mill-lemin taghna".

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, il-Qorti tara li l-incident gie kawzat mis-sewqan negligenti da parti tal-konvenut li kif di gja ntqal, kien stqarr "a caldo"  "… mort biex indur fuq lemin …" saret il-habta in esami. Minn dan wiehed jista' jikkonkludi, fuq bazi ta' probabilita illi, qabel ma beda jesegwixxi l-manuvra kif deskritta minnu stess, il-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet kollha sabiex jaccerta ruhu li, fuq il-lemin tieghu, ma kienx hemm vetturi ohra u b'hekk jevita li jikkaguna xi hsara fuq vetturi li setghu kienu fuq il-genb tal-lemin tieghu. Dwar dan hu opportun li jissemma illi l-konvenut ma kienx semma fix-xhieda tieghu illi, qabel ma beda jesegwixxi l-istess manuvra, hu kien xeghel l-'indicator'. Dan , difatti, ssemma mix-xhud, Carmelo Pace.

Illi, ghalhekk, ir-responsabilta ta' dan l-incient ghandha tinghata lill-konvenut, tenut kont ukoll li ma ingiebet ebda

prova li l-attur kien qed jsuq b'xi mod negligenti anke fuq levell ta' kontributorjeta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-'quantum' ta' hsarat pretizi, li ma giex kontestat b'xi prova kontrarja, ssir referenza ghar-ritratti u dokument annessi a fol 22 u fol 23 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba neglienza, traskuragni u nuqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm1000 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1000 bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.
.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------